**11 ta' Jannar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L., Can., LL.D.**

**Testment — Mutismu — Interpretu — Nullità — Art. 37 u 38 tal-Kap. 92.**

Stella Xuereb et.

*versus*

Carmelo Attard et.

*Il-liġi tiddetta diversi regoli speċjali dwar il-validità ta' testment magħmul minn bniedem mutu jew trux-u-mutu. Fost dawn ir-regoli hemm d k illi, jekk it-testatur kien mutu meta għamel it-testment, dak it-testment irid isir bl-intervent ta' almenu interpretu wieħed bir-rekwiżiti li għandu jkollu dan l-interpretu, fosthom dak li għandu jkun maħtur m's-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili. U bin-nuqqas ta' dan ir-rekwiżit biss, it-testment huwa null.*

*U dan japplika anki għat-testment publiku.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti opportuni, u premess illi Emmanuela ġa armla Attard, omm il-kontendenti, kienet għall-aħħar żmien ta' ħajjitha tabita mal-konvenut Carmelo Attard, u dan, kontra r-rieda tagħha, ġiegħlha dolożament tagħmel l-aħħar testment tagħha, li ġie publikat fl-atti tan-Nutar Dr. Antonio Carbonaro tat-30 ta' Ġunju 1955 (dok. A), b'liema testment ġie revokat kull testment preċedenti, u l-unika proprjetà tal-imsemmija Emmanuela Attard ġiet imħollija favur il-konvenut Carmelo Attard; u premess illi t-testment fuq riferit

ġie magħmul u publikat meta t-testatriċi Emmanuela Attard mhux biss kienet marida apopletika, imma wkoll meta hija kienet assolutament muta, kif jidher miċ-ċertifikat tat-Tabib Dottor Alfred Laferla, anness mal-istess testment; u premess li, meta ġie magħmul u publikat l-imsemmi testment, ma ġewx osservati r-regoli rikjesti mill-liġi fl-artikolu numru 37 u fl-artikolu numru 38 tal-Kapitlu 92 tal-Liġijiet ta' Malta; talbu li, għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġi dikjarat u deċiż illi l-imsemmi testment ta' Emmanuela Attard, publikat fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Carbonaro tat-30 ta' Ġunju 1955 — Dok. "A" — huwa null u bla ebda effett minħabba li ma ġewx osservati r-regoli rikjesti u mposti mill-liġi fil-publikazzjoni tal-istess testment. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Frar 1956, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

B'testment publiku tat-30 ta' Ġunju 1955 fl-atti tan-Nutar Dr. Antonio Carbonaro (Dok. A), Emmanuela armla minn Giuseppe Attard, wara li rrevokat kull testment preċedenti, ħalliet bi prelegat lill-binha l-konvenut Carmelo Attard in-nofs indiviż tad-dar nru. 5 Sqaq I Trieq San Rokku, Birkirkara, u ħalliet eredi universali fi kwoti ugwali lill-uliedha, il-kontendenti. Hija mietet fil-15 ta' Diċembru 1955;

L-attur isostni li l-imsemmi testment huwa null, fuq il-motiv li t-testatriċi kienet mhux biss marida apopletika, imma assolutament muta, u ma ġewx osservati, meta ġie magħmul u publikat l-istess testment, il-formalitajiet stabbiliti fl-artikoli 37 u 38 tal-Kapitlu 92 tal-Liġijiet;

Ikkunsidrat;

Irriżulta li t-testatriċi, meta ġie magħmul u publikat it-testment riferit, kienet tilfet il-kapaċità tal-kelma u tal-kitba. għalkemm kienet tisma u ma kienetx mentalment marida. It-tabib kuranti tagħha, Dr. Laferla, li rrilaxxja d-dikjarazzjoni li tidher fl-istess testment, illi t-testatriċi

kienet fil-fakoltajiet mentali pjeni, imma ma kienetx titkellem, xehed (fol. 59, 74) li hija lanqas kienet kapaċi tgħid "iva" jew "le"; u l-perit tekniku, Dr. Paul Cassar, irrelata, in eżekuzzjoni tad-digriet tat-2 ta' Mejju 1956, li hija kienet allura affetta minn mutismu u mit-telfien talkapaċità tal-kitba minħabba f'leżjoni tal-lob frontali talmoħħ tax-xellug;

Għalhekk, darba li, meta ġie magħmul u publikat ittestment, it-testatriċi kienet tilfet il-kapaċità li tfisser bil-kelma l-volontà tagħha, għalkemm kienet tisma, hija kienet allura ġuridikament muta fil-konfronti tal-imsemmi testment;

Ikkunsidrat;

Skond l-art. 692(1) tal-Kodiċi Ċivili, salvi dispożizzjonijiet oħra tal-Kodiċi, testment publiku għandu jkun riċevut u publikat, bħal kull att notarili ieħor, taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Professjoni Notarili u l-Arkivji Notarili, Kap. 92 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-waqt li f'dak lartikolu l-liġi tindika l-formalitajiet ta' essenza għat-testment publiku, għall-formalitajiet partikulari tiegħu hija tirriferixxi għall-Kap. 92, li huwa hekk integrattiv tarrekwiżiti ta' forma ta' testment publiku;

L-art. 38 ta' dak il-Kap. jiddisponi illi, bla ħsara ta' dak li jingħad dwar it-testmenti fl-art. 634 u 705 tal-Kodiċi Ċivili, jekk waħda mill-partijiet hija muta jew truxa-umuta, barra mir-regoli miġjuba fl-artikolu ta' qabel dwar il-preżenza tal-interpretu, għandhom jitħarsu dawk ir-regoli li ġejjin:— (a) Il-mutu jew it-trux-u-mutu li jkun jaf jaqra u jikteb għandu huwa nnifsu jaqra l-att, u jikteb fl-aħħar tiegħu, qabel il-firmi, li hu qrah u sabu kif riedu hu skond il-volontà tiegħu, (b) jekk ma jkunx jaf, jew ma jkunx jista', jaqra u jikteb, jeħtieġ li l-kliem tiegħu bissinjali jkun jiftiehem ukoll minn wieħed mix-xhieda; diversament, fuq l-att jidher interpretu ieħor skond ir-regoli miġjubin fis-subart. (2), (3), (4) u (5) tal-art. 37;

Il-konvenuti sostnew li dawn ir-regoli japplikaw għallkuntratti, u mhux għat-testmenti, peress li l-liġi tuża l-

espressjoni "waħda mill-partijiet". Huma ċċitaw mid-dibattimenti parlamentari fl-Assemblea Leġislattiva (Debates, Session 20th November, 1922, Vol. 3, part. 3, p. 3034) fuq il-proġett tal-Liġi Notarili; fejn, in propożitu tal-imsemmi art. 38 (36 tal-Proġett), l-Onorevoli Dr. Buhagiar hu *riportat* li qal:— "Questa è una disposizione nuova. Le disposizioni alle quali fa riferenza l'inciso primo di questo articolo sono quelle dell'articolo 295 dell'Ordinanza del 1868, dove si dispone chi siano le persone incapaci a testare, fra le quali sono i sordo-muti dalla nascita che non sanno scrivere. All'art. 366 della stessa legge si dispone che il sordo-muto e il muto soltanto, o siano tali dalla nascita, o lo siano divenuti dopo, possono, sapendo scrivere, fare testamenti segreti, purchè il testamento sia interamente scritto dal testatore e da lui sottoscritto, e il testatore medesimo, in presenza della corte o del notaio a cui lo presenti, e dei testimoni della consegna, scriva sulla carta che presenta che essa contiene il suo testamento. Questo è per garantire il testatore da qualunque possibile falsificazione. *Deve egli stesso fare tutto quello che è necessario*, e scrivere sulla carta stessa, per dimostrare che abbia fatto il testamento. Questa è una eccezione del disposto che abbiamo dinanzi. Il disposto che abbiamo dinanzi riguarda gli atti che non sono testamenti";

*Kieku dan il-bran kien jinqara* jagħlaq bil-kliem "testamenti segreti", il-konvenuti ma kienux jiċċitawh a sostenn tagħhom;

Darba illi l-konvenuti rriferew għad-dibattiti parlamentari, hu xieraq li jiġi riferit dak li, f'kontest ekwipollenti, irrisponda l-Onorevoli Sir Ugo Mifsud, allura Ministru tal-Ġustizzja, fis-Senat (Debates, Senate, Vol. 6, p. 2498-2500), għall-osservazzjoni tal-Onor. A.M. Galea:— "Ma supponiamo che si tratti di un testamento quando non si ha tempo di cercare questo interprete?" "E' meglio", qal il-Ministru, "non derogare alla legge generale, severa in materia di testamento, e lasciare un caso in cui si potrebbe ovviare alla legge. Io non sono dell'opinione che si deroghi alla legge sopra questo punto arcisostanziale, perchè *è la base di tutto* il sistema notarile. E' meglio che un notaro non possa addirittura accudire ai desideri di un testatore in fretta,

anzicchè aprire la porta a che il principio generale venga eluso. Nel caso in cui si tratti di una persona simile, un sordo, sarà lui per primo a fare il testamento prima del tempo. Non sono dell'opinione che la legge, che è arcirigorosa, che il principio su cui si imperni tutta la legge notarile si alteri in questo caso . . . . nel caso dei testimoni la loro firma basta quando essi conoscono la lingua; ma quando per la significazione di tale volontà, sia del testatore sia del contraente, si rende necessario l'intervento dell'interprete, in questo caso io ritengo che l'interprete devesaper sottoscrivere, e scrivere . . . . . Per maggior vigore, trattandosi di testamenti e di atti credo che sia espediente che vi sia la firma dell'interprete";

L-istess Ministru sussegwentement qal, fuq l-art. 36 tal-Proġett tal-liġi, 38 tal-Kap. 92 (*ibid.* p. 29):— "Questo era stato proposto a causa della riferenza all'articolo 35. Era un corollario";

Hi kif inhi, għalkemm id-dibattiti parlamentari jistgħu joffru materjal għall-valutazzjoni tal-kontenut ta' liġi, l-opinjonijiet individwali hemm mogħtija ma jbiddlux il-volontà superjuri tal-Poter Leġislattiv, kif espressa bil-kliem u bil-kostruzzjoni tal-liġi stess;

Fil-każ preżenti jidher, mill-mod stess li hu konċepit l-art. 38, minn dispożizzjonijiet oħra tal-Kap. 92, u mill-iskop li għalieh huma ntiżi r-regoli hemmhekk stabbiliti, illi l-istess regoli japplikaw ukoll għat-testment publiku;

Dak l-artikolu jibda biex jgħid li r-regoli li jsegwu huma "bla ħsara ta' dak li jingħad dwar it-testmenti publiċi fl-art. 634 u 705 tal-Kodiċi Ċivili". L-art. 634 jirrendi lit-trux-u-mutu mit-twelid, li ma jkunx jaf jikteb, inkapaċi li jiddisponi b'testment, u hekk ma jirrendix inkapaċi l-mutu u t-trux-u-mutu mhux mit-twelid, anki jekk ma jkunx jaf jikteb. L-art. 750 jindika l-formalitajiet neċessarji biex it-trux-u-mutu u l-mutu biss ikunu jistgħu jagħmlu testment "sigriet", fosthom dik li t-testment ikun miktub kollu mit-testatur u ffirmat minnu;

L-artikolu 38 jistabbilixxi l-proċedura għall-att nota-

rili fejn tiffigura persuna muta jew truxa-u-muta. Il-liġi riedet, però, li b'dan kollu ma tidderogax b'xi mod għall-art. 634, u hekk xorta waħda trux-u-mutu mit-twelid li ma jkunx jaf jikteb baqa' inkapaċi li jagħmel testment; u riedet ukoll li b'dawk ir-regoli lanqas ma tidderoga għall-art. 705, u hekk jibqgħu xorta waħda jseħħu d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili dwar testment sigriet ta' trux-u-mutu u mutu biss, bl-istess mod li fl-art. 37 il-liġi riedet li, non ostanti r-regoli dwar l-użu ta' interpretu ndikati fl-istess art. 37, xorta għandhom jibqgħu jseħħu d-dispożizzjonijiet tal-art. 706, dwar it-testmenti sigrieti, tal-Kodiċi Ċivili;

Hekk, l-istess riferenzi għall-art. 634 u 705 tal-Kodiċi Ċivili "dwar it-testmenti" juru li l-liġi fl-art. 38 qegħdha tivviżwalizza fost l-atti notarili t-testment publiku, li diġà, bl-art. 692 (1) tal-Kodiċi Ċivili, hu mqiegħed, bħal kull att notarili ieħor, taħt ir-reġim tal-Kapitlu 92;

L-użu, mbgħad, mill-liġi tal-espressjoni "waħda mill-partijiet" ma jfisserx, kif sostnew il-konvenuti, li l-art. 38 japplika biss għall-kuntratti. "Parti" huwa anki minn jiffigura waħdu f'att, kif din l-espressjoni hi adoperata f'diversi dispożizzjonijiet tal-Kap. 92, bħal dik tal-art. 2(1)(2), fejn hi mogħtija s-setgħa lin-nutar li jagħti ċertifikati ta' ħajja jew eżistenza fuq talba tal-parti nnfisha; u l-espressjoni "waħda mill-partijiet" tirrikorri f'dispożizzjonijiet oħra ta' dak il-Kap., mingħajr ma tiġi b'hekk esklużа l-applikazzjoni tagħhom għall-każ li l-parti tkun waħda biss, bħal ma hemm fl-art. 12(b), li jipprojbixxi lin-nutar li jirċievi attijiet jekk "waħda mill-partijiet tkun il-mara tiegħu", jew fl-art. 28(1) dwar il-konnotati li għandu jkun fih l-att "jekk waħda mill-partijiet hija mara";

Bir-regoli tal-art. 38 il-liġi riedet tassigura mill-aħjar l-espressjoni u r-reġistrazzjoni tal-volontà vera ta' min ikun affett mid-difetti fiżiċi hemm indikati; u l-kawteli tal-liġi, bir-regoli stabbiliti f'dak l-artikolu, jemerġu sommament meħtieġa għall-att hekk solenni u eminentement notarili bħal ma huwa t-testment publiku;

Ikkunsidrat;

L-art. 38, fl-inċiżi (a) u (b), jistabbilixxi regoli għal meta tiffigura fl-att persuna muta jew truxa-u-muta, skond l-ipotesijiet kontemplati fl-istess inċiżi. Dawn ir-regoli, però, jgħid dak l-artikolu, huma "barra mir-regoli miġjuba fl-artikolu ta' qabel dwar il-preżenza tal-interpretu", u huma "għandhom jitħarsu wkoll";

L-artikolu ta' qabel — 37 — jistabbilixxi regoli għall-każ li tiffigura fl-att persuna truxa għal kollox, u fosthom ir-regola li, jekk din il-persuna ma tkunx taf taqra, għandu jsir użu minn interpretu maħtur mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, li fost inkombenzi oħra għandu dik li jkun preżenti fl-eżekuzzjoni tal-att, bla ħsara tal-art. 706 tal-Kodiċi Ċivili, dwar it-testmenti sigrieti;

Hekk, l-art. 38 iqiegħed bħala regola, li jsemmi qabel l-oħrajn, dik tal-art. 37, salva r-riżerva dwar il-preżenza tal-interpretu fl-eżekuzzjoni tal-att, ukoll, għar-raġunijiet premessi, għat-testment publiku, għall-każ ta' persuna muta jew truxa-u-muta; liema nterpretu, ovvjament għandu jkun maħtur mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili;

Fl-istess art. 38, oltre din ir-regola dwar l-interpretu, hemm ir-regola l-oħra taħt l-inċiż (a) illi, jekk dik il-persuna tkun taf taqra u tikteb, hija għandha taqra l-att u tikteb fl-aħħar tiegħu, qabel il-firmi, li qratu u sabitu skond il-volontà tagħha, kif ukoll ir-regola taħt l-inċiż (b) li, jekk l-istess persuna ma tkunx taf jew ma tkunx tista' taqra u tikteb, ikun jeħtieġ jew li hija tkun tiftiehem bis-sinjali wkoll minn wieħed mix-xhieda, jew, "diversament", li fuq l-att "jidher interpretu ieħor skond ir-regoli miġjubin fis-subart. (2), (3), (4) u (5) tal-art. 37". Is-subart. (2) jirrikjedi li l-interpretu jkun maħtur mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili;

Għalhekk, għall-każ ta' testment publiku ta' persuna muta, skond kif premess, hija meħtieġa fl-eżekuzzjoni tal-att il-preżenza almenu ta' nterpretu wieħed maħtur mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili;

Ikkunsidrat;

Skond l-art. 40 (d) tal-Kap. 92, meta ma jitħarsux id-dispożizzjonijiet tal-art. 38 tal-istess Kap., l-att notarili hu null; u għar-raġunijiet premessi huwa null testment publiku ta' persuna muta eżegwit mingħajr l-intervent lanqas ta' *interpretu wieħed maħtur* mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili;

Irriżulta li fl-eżekuzzjoni tat-testment in kwistjoni, meta t-testatriċi kienet muta, ma nterveniex lanqas interpretu wieħed bir-rekwiżiti li timponi l-liġi, fosthom li jkun maħtur mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili. B'dan in-nuqqas biss l-istess testment hu null;

*Għalhekk;*

Tilqa' *t-talba tal-atturi*, bil'i tiddikjara illi, għar-raġunijiet premessi, it-testment ta' Emmanuela armla minn Giuseppe Attard tat-30 ta' Ġunju 1955, fl-atti tan-Nutar Dr. Antonio Carbonaro, Dok. "A", huwa null għall-effetti kollha tal-liġi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.